

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2018 – EAEPK vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-574/14) <sup>(1)</sup>

*(“Kompetizzjoni — Akkordji — Kummerċ parallel ta’ prodotti mediċinali — Ftehim li jagħmel distinzjoni bejn il-prezzijiet iffatturati għall-bejgħ mill-ġdid fi Spanja u l-prezzijiet iffatturati fil-każ ta’ esportazzjoni lejn Stati Membri oħra — Talba għal eżami mill-ġdid ta’ lment wara sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali — Artikolu 266 TFUE — Ċaħda ta’ lment — Nuqqas ta’ interess tal-Unjoni — Waqfien tal-prattika antikompetittiva — Assenza ta’ effetti antikompetittivi persistenti — Teħid ta’ konjizzjoni tal-każ minn awtorità tal-kompetizzjoni ta’ Stat Membru — Obbligi marbuta ma’ investigazzjoni ta’ lment — Artikolu 105 TFUE — Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Drittijiet proċedurali ta’ lanjant — Obbligu ta’ motivazzjoni”)*

(2018/C 427/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: European Association of Euro-Pharmaceutical Companies (EAEPK) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: J. L. Buendía Sierra, L. Ortiz Blanco, Á. Givaja Sanz u M. Araujo Boyd, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castilla Contreras, F. Jimeno Fernández u C. Vollrath, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: GlaxoSmithKline plc (Brentford, ir-Renju Unit) u GlaxoSmithKline SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: inizjalement I. S. Forrester, QC, u A. Komninos, avukat, sussegwentement A. Komninos)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 3654 finali tas-27 ta' Mejju 2014, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti dwar ksur tal-Artikolu 101 TFUE allegatament imwettaq minn Glaxo Wellcome SA (Każ COMP/AT.36957 – Glaxo Wellcome)

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Kull waħda mill-partijiet għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 409, 17.11.2014